MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 188/2011

**L-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Il-Bastiment "MV Maru", u l-kumpanija Britannia Shipping International Limited, proprjetarja tal-istess bastiment.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita tat-23 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpanija konvenuta Britannia Shipping International Limited hija proprjetarja tal-bastiment "MV Maru", bastiment ta' 46.15 metru tul irregistrat gewwa s-Sierra Leone b'IMO Numru 7908627.

2. Illi l-kumpanija konvenuta Britannia Shipping International Limited ghandha taghti lill-awtorita attrici is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf mitejn u disghin euro u tnejn u tmenin centezmu (€28,290.82) bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (berthage dues), drittijiet dwar bastimenti qieghda (laid up dues) u hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti (ship generated waste management fees). Dan jidher mill-istatement of account datat 30 ta' Dicembru, 2010 anness bhala Dok. TM1.

3. Illi d-drittijiet mitluba jirrigwardaw facilitajiet moghtija lill-konvenuta Britannia International Shipping Limited fir-rigward tal-bastiment Maru u fir-rigward ta' bastimenti ohra ta' proprjeta taghha jew minnha operati.

4. Illi l-konvenuta Britannia Shipping International Limited giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti minnha pagabbli. Madanakollu, hija baqghet inadempjenti u l-ammont dovut baqa' dejjem jizdied.

5. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ghall-hlas ta' ammonti dovuti ghall-perjodu sal-31 ta' Dicembru, 2010 u qieghda umilment issir rizerva illi r-rikorrenti tipprocedi ghal bilanci ulterjuri illi jistghu jsiru dovuti wara din id-data.

6. Illi ghal kull bwon fini l-attrici tispjega illi l-fatturi sal-31 ta' Dicembru, 2009 inhargu mill-Awtorita Marittima ta' Malta izda d-drittijiet illi ghalihom jirreferu huma issa pagabbli lill-attrici bhala successur fil-poteri u drittijiet tal-Awtorita Marittima ta' Malta ai termini tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta [l-Att dwar l-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta).

Ghaldaqstant, l-Awtorita attrici umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-Awtorita attrici fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf mitejn u disghin euro u tnejn u tmenin centezmu (€28,290.82), bilanc minn somma akbar konsistenti fi drittijiet portwali, inkluzi drittijiet dovuti taht ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg (berthage dues), drittijiet dwar bastimenti qieghda (laid up dues) u hlasijiet rigward l-immaniggjar tal-iskart iggenerat minn bastimenti (ship generated waste management fees), dovuti ghall-perjodu sal-31 ta' Dicembru, 2010.

(ii) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Awtorita attrici l-imsemmija somma ta' tmienja u ghoxrin elf mitejn u disghin euro u tnejn u tmenin centezmu (€28,290.82).

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bastiment tat-30 ta' Dicembru, 2010 u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Kap. 13, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi s-socjeta eccipjenti ma hijiex propjetarja tal-istess bastiment u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi wkoll in linea preliminari, l-esponenti f'dana l-istadju jirrileva illi r-rikorrenti jikkampaw il-pretensjoni taghhom fuq il-premessa 'Illi d-drittijiet mitluba jirrigwardaw facilitajiet moghtija lill-konvenuta Brittania International Shipping Limited fir-rigward tal-bastiment Maru u fir-rigward ta' bastimenti ohra propjeta taghha jew minnha operati'[1]. Illi dan huwa sostnut b'prospett annes mar-rikors promotur li ma jaghti l-ebda indikazzjoni ta' xiex u ghal-liema bastiment dawn jirreferu. Illi ghalhekk l-esponenti in vista ta' dan, ma jistax jilqa' ghat-talba kif esperita fir-rikors promotur u ghalhekk jitlob f'dana l-istadju li wara li jinghata prospett dettaljat ikollu l-fakolta jintavola risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu parti sostanzjali mill-ammont reklamat ma huwiex dovut u dana skond ftehim verbali ma' ufficjali tal-awtorita esponenti kif ser jrrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi wkoll parti sostanzjali mill-ammont reklamat ma huwiex dovut stante illi drittijiet ta' rmigg thallsu lil terzi kif ser jrrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost ma humiex dovuti l-imghaxijiet kif kontemplati fil-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

1 Tielet (3) premessa fir-rikors promotur

Rat l-atti u n-noti ta' osservazzjonijiet li saru;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-Awtorita ghat-Trasport bhala successur fil-poteri tal-Awtorita Marittima ta' Malta ai termini tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta qed tirreklama minghand l-konvenuti, u senjatament is-socjeta Britannia Shipping International Limited is-somma ta' €28,290.82 bilanc minn somma akbar ghal drittijiet portwali inkluz drittijiet tal-Port, drittijiet ta' rmigg, drittijiet dwar bastimenti qeghda, u hlasijiet dwar l-immaniggar tal-iskart iggenerat minn bastimenti. L-Awtorita qed issostni illi dawn id-drittijiet qed jintalbu ghal vapuri proprjeta ta' Brittania Shipping jew operati minnha, cioe qua agent tal-vapuri in kwistjoni.

L-Awtorita esebiet prospett tal-ammont dovut mar-rikors guramentat Dok. TM1 a fol. 6 et seq. tal-process u iktar tard mal-affidavit ta' Anthony Caruana, operations manager tal-Awtorita Marittima gie prezentat breakdown tal-vapuri li ghalihom jirreferu d-dritijiet dovuti (fol. 30 tal-process) u l-fatturi kollha relatati mal-istess servizzi (fol. 33 sa 300 tal-process).

**L-ewwel eccezzjoni**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament illi s-socjeta Brittania Shipping mhix proprjetarja tal-vapur MV Maru. Ma ngiebet ebda prova mis-socjeta konvnuta dwar din l-allegazzjoni. L-unika prova li ngiebet fuq din il-kwistjoni kienet mill-Awtorita attrici fejn Anthony Caruana jixhed li l-vapur MV Maru nbiegh fl-2011 mis-socjeta konvenuta wara li sar mandat ta' arrest kontrih mill-Awtorita fit-30 ta' Dicembru 2010 (fol. 32 tal-process). L-ammonti reklamati mill-Awtorita fuq is-servizzi provduti lil vapur jirreferu ghal perjodu antecedenti ghal bejgh. Din il-prova mhix kontradetta, anzi l-istess socjeta konvenuta f'nota ta' kontestazzjoni dettaljata dwar l-ammonti reklamati mill-Awtorita in konnessjoni mal-istess vapur cioe €5,818.93, taqbel illi minn dan l-ammont mhux dovut biss l-ammont ta' €1,279 rapprezentanti 'laid up

dues' u dan peress illi fil-perjodu reklamat ghal dan l-ammont cioe mis-17 ta' Ottubru 2010 sad-29 ta' Jannar 2011 (fol. 241 sa 244 tal-process), il-vapur kien qed jissewwa f'Bezzina Shipyard u drittijiet ta' rmigg kienu qed jithallsu lil Bezzina Shipyard. Harsa anki superficjali lejn dan l-argument juri li hu insostenibbli peress illi l-ammont ta' €1,275 (mhux €1,279 kif jallega l-konvenut) jirreferi ghal dritt ta' bastiment qieghed mhux dritt ta' rmigg. Kif spjega l-istess Anthony Caruana f'affidavit ulterjuri a fol. 315 tal-process, id-dritt ta' bastiment qieghed jithallas meta vapur ma jkunx kopert b'certifikat validu ta' registrazzjoni. In fatti dan il-vapur ma kellux kopertura bejn is-17 ta' Ottubru 2010 u d-29 ta' Jannar 2011, cioe l-perjodu li ghalih qed jintalbu d-drittijiet. L-istess xhud izid illi s-socjeta konvenuta giet avzata diversi drabi dwar dan in-nuqqas. Din ix-xiehda mhix kontradetta mis-socjeta konvenuta u kwindi l-Qorti tqis illi l-ammont reklamat in konnessjoni mas-servizzi u drittijiet fuq l-MV Maru huma dovuti lil Awtorita attrici.

**Ammissjoni dwar parti mit-talba**

In kwantu ghal vapuri li dwarhom qed jintalbu drittijiet cioe Anna Maria, Rania, Grampian Dee, Frau Nancy, u Forth Eardy, ammontanti ghal €11,734.44, is-socjeta konvenuta tammetti li dawn l-ammonti huma dovuti mis-socjeta konvenuta u ma hemmx kontestazzjoni. Kwindi dan l-ammont ta' €11,734.44 mizjud mal-ammont dovut ghal vapur MV Maru ta' €5,818.93 b'kollox €17,553.37 huma dovuti lil Awtorita attrici.

**Kontestazzjoni fuq il-bilanc allegatament dovut**

In kwantu ghal dak allegatament dovut ghal vapuri Elizabeth Maria, is-socjeta konvenuta tikkontendi illi dan inbiegh fit-8 ta' Mejju 2009 (Dok. EM fol. 304 tal-process); il-bastiment Finland, Toskar Rock, u Schotland, huma proprjeta ta' Malta Towage Limited (fol. 306, 310 u 311); il-bastiment Sir Ian hu proprjeta ta' Green Stone Enterprises Limited (fol. 302) u Costales Segundo hu proprjeta ta' Redcastle Shipping (fol. 309 tal-process).

B'referenza ghal vapur Elizabeth Maria, jirrizulta illi s-socjeta konvenuta pprezentat biss konvenju u mhux kuntratt ta' bejgh. Ix-xhud tal-Awtorita Anthony Caruana pero irrileva illi skond ir-records tal-Awtorita l-vapur inbiegh fit-28 ta' Mejju 2009 u l-ammonti mitluba jirreferu

ghal perjodu li jkopri bejn it-18 ta' April 2008 u s-s27 ta' Mejju 2009 (fol. 263 tal-process). Din ix-xiehda mhix kontestata mis-socjeta konvenuta u kwindi tirrendi l-allegazzjoni li l-ammont rigward dan il-vapur mhix dovuta ghar-raguni msemmija bla ebda bazi. Is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-iskrittura esebita x-xerrej prospettiv kien ser jassumi responsabilta ghal-kontijiet mit-28 ta' April 2009, hi semmai res inter alios acta ghall-attrici u tirregola l-pattijiet bejn il-kontraenti biss.

B'referenza ghal vapuri l-ohra fejn l-allegazzjoni hi li l-proprjetarju hu terz u mhux is-socjeta konvenuta, din il-Qorti tqis illi t-talba attrici mhix tirreferi biss ghas-socjeta konvenuta bhala sid tal-istess vapuri izda wkoll qua operaturi cioe agent tal-istess vapur. L-eccezzjoni fis-sens promossa mis-socjeta konvenuta tqajmet biss waqt il-kawza. Fl-ebda hin qabel il-kawza, nonostante l-invoices kollha li ntbaghtu lis-socjeta konvenuta fuq dawn il-vapuri kollha, ma tqajmet xi kwistjoni li s-socjeta konvenuta ma kinitx responsabbli hi ghal hlasijiet dovuti fuq dawn il-vapuri. Kif jixhed l-istess Anthony Caruana ghal Awtorita qatt ma saret xi forma ta' kontestazzjoni mis-socjeta konvenuta meta lilha kienu jintbaghtu l-fatturi.

Din fil-fatt tidher li hi l-pozizzjoni fattwali stante li b'xiehda pprezentata mill-istess socjeta konvenuta tramite Salvatore Bezzina and Sons Limited mill-fatturi esebiti a fol. 337 sa 342 li saru diversi xogholijiet u inghataw servizzi fuq vapuri mertu ta' din il-kawza fosthom Toskar Rock, Maru, Sir Ian, Costales Segundo, Carmela, Finland u l-fatturi ntbaghtu lis-socjeta konvenuta. L-istess jidher mix-xiehda ta' Adeodato Schembri fid-dipartiment tas-servizzi rurali dwar hlasijiet sakemm bastimenti jkunu fil-'hard standing facility' u fejn b'referenza ghal vapuri Finland u Schotland u Toskar Rock il-fatturi ntbaghtu lis-socjeta konvenuta.

Kontra l-allegazzjoni tal-Awtorita sosnuta mill-fatturi u anki xhieda prodotta mis-socjeta konvenuta stess ma ngiebet ebda prova kuntrarja mill-istess socjeta konvenuta illi hi ma kinitx tirraprezenta l-vapuri in kwistjoni hawn Malta dment li l-vapuri kienu f'Malta, u ili hi kienet is-socjeta responsabbli ghas-servizzi minnha mitluba, u agixxiet f'dan is-sens ma' min ikkuntrattat.

Relevanti in oltre f'dan il-kuntest huma l-artikolu 13 tal-Kap. 352 li jghid hekk:

> Aġent ta' bastiment, li jkun wettaq xi egħmil dwar il-bastiment li b'xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att huwa meħtieġ li jsir jew li jkun daħal għal jew għamel xi ħlas jew ħa xi responsabbiltà dwar bastiment f'xi port, għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li hu l-aġent tal-bastiment, matul iż-żmien li l-bastiment jibqa' Malta:
>
> Iżda l-agent ta' dak il-bastiment m'għandux jibqa' jitqies bħala l-aġent tal-bastiment kif hawn qabel imsemmi jekk is-sid tal-bastiment ikun bidel l-aġent ta' dak il-bastiment, u jkun ħatar aġent ieħor għall-bastiment biex jirrappreżenta lill-bastiment waqt li l-imsemmi bastiment ikun għadu jinsab Malta, f'liema każ, l-aġent tal-bastiment m'għandux jitqies aktar bħala l-aġent tal-bastiment mid-data tal-ħatra tal-aġent tal-bastiment sussegwenti, mis-sid tal-bastiment.

L-artikolu 14(2) ighid hekk:

> Il-persuni li ġejjin ikunu responsabbli għall-ħlas ta' kull dritt, ħlas jew pagament miġbur taħt dan l-Att:
>
> (a) il-kaptan jew sid tal-bastiment;
>
> (b) l-aġent tal-bastiment, li jkun ħallas jew ħa r-responsabbiltà li jħallas xi ħlas akkont ta' dak il-bastiment:
>
> Iżda l-obbligu tal-aġent ta' dak il-bastiment għal dawk il-ħlasijiet m'għandux jeċċedi l-massimu tal-ammont li għalih l-aġent igawdi privileġġ taħt l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Fil-kawza **Charles Schembri noe vs Frederick Frendo noe et**, App Civ 14/01/2002, il-Qorti spjegat b'mod car il-portata ta' dawn l-artikoli li dak iz-zmien pero kienu enumerati differentement. Il-Qorti qalet hekk:

> Il-kaz taht ezami pero' kien certament regolat mill-artikolu 38 tal-Att Dwar l-Awtorita' Marittima (Kap. 352) fuq citat illi ma setghax ma jigix kwalifikat bhala lex specjalis li tidderoga mill-ligi ordinarja u li expressis tirregola r-relazzjonijiet bejn l-agent tal-vapur u l-Awtorita' Marittima fir-rigward tal-hlasijiet mitluba minnha f'din l-istanza ghal "laid up fees". Rilevanti illi s-subtitolu ta' din id-disposizzjoni partikolari, deskrittiv tal-provvediment, hu illi "agent may not relinquish agencies". Dan ifisser illi kuntrarjament ghall-principju generali fuq accennat illi l-mandatarju seta' dejjem jirrinunzja ghall-mandat lilu moghti u minnu accettat, fil-kaz ta' agent ta' vapur, dan kien espressament vjetat mil-ligi sakemm il-vapur jibqa' Malta. Il-ligi dwar dan hi tassattiva, cara u univoka. L-agent  kien obbligat jibqa' jagixxi ta' agent u jibqa' responsabbli ghall-obbligi tal-mandant tieghu, f'dan il-kaz is-sidien tal-vapur "for the purposes of this Act".

> Dan ifisser illi filwaqt illi fir-rigward tar-relazzjonijiet tieghu ma' terzi persuni r-rinunzja tal-mandat tkun valida u torbot fil-ligi, fir-rigward ta' dawk id-drittijiet u obbligi li jinteressaw lill-istess agent fir-relazzjonijiet tieghu mal-Awtorita' Marittima dan kellu jitqies li ghadu agent nonostante kwalunkwe rinunzja li jaghzel li jaghmel. Mhux biss. Il-ligi riedet tkompli ticcara u tassigura dan il-principju billi fid-disposizzjoni sussegwenti tal-artikolu 39 tispecifika illi fost il-persuni li kienu responsabbli ghall-hlasijiet ta' "any dues charges or fees levied under this Act" kien hemm espressament "2(b) the agent of the ship who shall have paid or made himself liable to pay any charge on account of such ship". Ovvjament din l-ahhar frazi sottolinejata tirreferi proprju ghall-kaz fejn wiehed ma kienx altrimenti jitqies li kien agent li kieku ma kienx ghaliex bil-komportament tieghu kien irrenda ruhu responsabbli ghal tali hlasijiet fit-termini tal-artikolu 38. Inoltre fis-subinciz 3 tal-artikolu 39 l-agent jinghata d-dritt li jzomm ghalih flejjes li jkun ircieva akkont tal-bastiment jew tas-sid sal-ammont li jkun hallas u spejjez ragjonevoli inkorsi b'rizultat ta' tali pagament jew responsabbilita'. Dana proprju biex jigi assigurat lill-agent illi jkun kopert ghal kull eventwalita' konsegwenzjali ghall-fatt li l-ligi zzommu responsabbli bhala agent ghaz-zmien li fih il-vapur jibqa' Malta indipendentement minn jekk ikollux jew le l-kopertura tal-mandant tieghu.

Din il-Qorti hi sodisfatta illi s-socjeta konvenuta agixxiet b'mod inekwivoku qua agent jew operatur tal-vapuri kollha msemmija f'din il-parti tas-sentenza u ma gabet ebda prova li l-ammonti reklamati mhix dovuta minnha qua agent tal-vapuri in kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-ammonti reklamati ghal vapuri Finland, Toskar Rock, Schotland, Sir Ian u Costales Segundo huma dovuti mis-socjeta konvenuta qua agent tal-istess ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap. 352, u d-drittijiet dovuti kollha jaqghu fl-ambitu tal-istess Kapitolu. Hu minnu illi mid-data tas-sentenza fuq citata saru xi emendi fl-artikoli in kwistjoni li pero ma jeffettwawx il-mertu tal-azzjoni odjerna u l-principju regolatur baqa' l-istess.

Jibqa' x'jigri deciz il-kontenzjoni rigwardanti l-vapur Carmela li s-socjeta konvenuta tallega illi Anthony Caruana weghdu illi peress li kien ilu diversi snin jingombra l-port, kien ser jinghata irmigg b'xejn sakemm jissewwa. Anthony Caruana, l-port operations manager jixhed in risposta li dan id-diskors hu minnu li sar pero dan kien f'Dicembru 2006 mentri l-laid up dues gew fatturati biss fl-2010 wara diversi avvizi lis-socjeta konvenuta li ormai kien car li mhux minnu li l-bastiment kien qed jissewwa. Din il-Qorti ma tqis gustifikat l-ilment tas-socjeta konvenuta ghax ma hux ragonevoli li akkordju li sar in buona fede jibqa' vigenti oltre dak iz-zmien ragonevoli biex tigi attwata l-obbligazzjoni korrispettiva tas-socjeta konvenuta cioe li ssewwi l-vapur. Erba' snin ma jistax jitqis zmien ragonevoli u billi kull ftehim ghandu jsir in buona fede, il-Qorti tqis illi

t-talba attrici ghal hlas tal-laid up dues fl-2010 hi gustifikata u skond il-ligi. Ghalhekk anki dan l-ammont flimkien mal-ammonti l-ohra kollha mitluba mill-Awtorita attrici huma kollha dovuti mis-socjeta konvenuta.

Is-socjeta konvenuta tallega illi l-imghax mhux dovuti kif kontemplati fil-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta pero ma jispjegax u jiggustifikax ghaliex l-imghaxijiet ma jiddekorux skond il-ligi essendo dawn huma servizzi kummercjali u l-imghax hu dovut mid-data li jkun inghata u l-ammont isir dovut.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u tilqa’ t-talbiet attrici; tikkundanna lis-socjeta konvenuta Britannia Shipping International Limited thallas lil Awtorita ghat-Trasport f’Malta s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf, mitejn u disghin euro u tnejn u tmenin centezmu (€28,290.82), bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------